SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

17 ta' Diċembru 2020*

"Appell – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Regolament (UE) Nru 305/2011 – Kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini – Standards u regolamenti tekniċi armonizzati – Standards armonizzati EN 14342:2013, EN 14904:2006, EN 13341:2005 + A1:2011 u EN 12285-2:2005 – Rikors għal annullament"

Fil-Kawżi magħquda C-475/19 P u C-688/19 P,

li għandhom bħala suġġett żewġ appelli skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentati fl-20 ta' Ġunju u fit-18 ta' Settembru 2019,

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, irrappreżentata minn J. Möller u R. Kanitz, bħala aġenti, assistiti minn M. Kottmann, M. Winkelmüller u F. van Schewick, Rechtsanwälte,

rikorrenti (C-475/19 P u C-688/19 P),

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn C. Hermes, M. Huttunen u A. Sipos, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza (C-475/19 P u C-688/19 P),

Ir-Repubblika tal-Finlandja, irrappreżentata minn S. Hartikainen u A. Laine, bħala aġenti,

intervenjenti fl-ewwel istanza (C-475/19 P),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, L. Bay Larsen, C. Toader (Relatur), M. Safjan u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha fil-Kawża C-475/19 P, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-10 ta' April 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (T-229/17, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem l-"ewwel sentenza appellata", EU:T:2019:236), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha li għandu bħala suġġett l-annullament, l-ewwel nett, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/133 tal-25 ta' Jannar 2017 dwar iż-żamma f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, b'restrizzjoni, tar-riferiment tal-istandard armonizzat EN 14342:2013 "Pavimentar tal-injam: Karatteristiċi, evalwazzjoni ta' konformità u mmarkar", skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2017, L 21, p. 113), fit-tieni lok, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/145 tal-25 ta' Jannar 2017 dwar iż-żamma b'restrizzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tar-referenza tal-istandard armonizzat EN 14904:2006 "Superfiċji għal spazji għall-isport — Superfiċji fuq ġewwa li jintużaw għal aktar minn sports wieħed: Speċifikazzjoni" skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2017, L 22, p. 62) (iktar 'il quddiem l-"ewwel sentenza appellata"), fit-tielet lok, tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kumerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU 2017, C 76, p. 32, iktar 'il quddiem imsejħa l-"Komunikazzjoni ta' "Implimentazzjoni", sa fejn din tirreferi għall-istandards armonizzati EN 14342:2013 u EN 14904:2006, fir-raba' lok tal-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Awwissu 2017 fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU 2017, C 267, p. 16), sa fejn din tirreferi għall-istandards armonizzati EN 14342:2013 u EN 14904:2006, fil-ħames lok, tal-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2017 fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU 2017, C 435, p. 41), sa fejn din tirreferi għall-istandards armonizzati EN 14342:2013 u EN 14904:2006, u, fis-sitt lok, tal-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2018 fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU 2018, C 92, p. 139), sa fejn din tirreferi għall-istandards armonizzati EN 14342:2013 u EN 14904:2006 (iktar 'il quddiem, flimkien, it-"tliet komunikazzjonijiet ikkontestati l-oħra").

2 Permezz tal-appell tagħha fil-Kawża C-688/19 P, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Lulju 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (T-53/18, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem it-"tieni sentenza appellata", EU:T:2019:490), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha li għandu bħala suġġett l-annullament, fl-ewwel lok, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1995 tas-6 ta' Novembru 2017 intiża għaż-żamma, f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, tar-riferiment tal-istandard armonizzat EN 13341:2005 + A1:2011 – dwar tankijiet statiċi termoplastiċi għall-ħażna 'l fuq mill-art ta' żjut tat-tisħin domestiċi, pitrolju u fjuwils tad-diżil f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 88, p. 5), u, fit-tieni lok id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1996 tas-6 ta' Novembru 2017 dwar iż-żamma f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tar-referenza tal-istandard armonizzat EN 12285-2:2005 dwar tankijiet tal-azzar maħdumin fil-ħanut tax-xogħol skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2017, L 288, p. 39) (iktar 'il quddiem, flimkien it-"tieni deċiżjonijiet kontenzjużi").

Il-kuntest ġuridiku

3 Il-premessi 1 sa 3 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU 2011, L 88, p. 5), jiddikjaraw:

"(1) Ir-regoli tal-Istati Membri jeħtieġu li x-xogħlijiet ta' bini jitfasslu u jiġu eżegwiti sabiex ma jkunx hemm periklu għas-sikurezza ta' persuni, annimali domestiċi u proprjetà kif ukoll ma ssirx ħsara lill-ambjent.

(2) Dawk ir-regoli għandhom influwenza diretta fuq ir-rekwiżiti tal-prodotti għall-bini. Dawk ir-rekwiżiti huma konsegwentement riflessi fl-istandards għall-prodotti nazzjonali, fl-approvazzjonijiet tekniċi nazzjonali u fi speċifikazzjonijiet u dispożizzjonijiet tekniċi nazzjonali oħrajn relatati mal-prodotti għall-bini. Minħabba d-disparità tagħhom, dawk ir-rekwiżiti jfixklu l-kummerċ fl-Unjoni.

(3) Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa d-dritt tal-Istati Membri li jispeċifikaw ir-rekwiżiti li jqisu neċessarji biex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa, l-ambjent u l-ħaddiema meta jintużaw prodotti għall-bini."

4 Skont l-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Suġġett":

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini bl-istabbiliment ta' regoli armonizzati dwar kif għandha tkun espressa l-prestazzjoni ta' prodotti għall-bini rigward il-karatteristiċi essenzjali tagħhom u dwar l-użu tal-marka CE fuq dawk il-prodotti."

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(4) "karatteristiċi essenzjali" tfisser dawk il-karatteristiċi tal-prodott għall-bini relatati mar-rekwiżiti bażiċi għal xogħlijiet ta' bini;

[…]"

6 L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 305/2011, intitolat "Rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' bini u karatteristiċi essenzjali tal-prodotti għall-bini", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Ir-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' bini stabbiliti fl-Anness I għandhom jikkostitwixxu l-bażi għat-tħejjija ta' mandati għall-istandardizzazzjoni u speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati.

2. Il-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti għall-bini għandhom ikunu stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati rigward ir-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' bini."

7 L-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament, intitolat "Prinċipji ġenerali u użu tal-marka CE", jipprovdi, fil-paragrafu 4 tiegħu:

"Stat Membru ma għandux jipprojbixxi jew jimpedixxi, fit-territorju tiegħu jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu, li jsir disponibbli fis-suq jew l-użu ta' prodotti għall-bini li għandhom il-marka CE, meta l-prestazzjonijiet iddikjarati jkunu jikkorrispondu għar-rekwiżiti għal tali użu f'dak l-Istat Membru."

8 L-Artikolu 17 tal-imsemmi regolament, intitolat "Standards armonizzati", jipprovdi:

"1. L-istandards armonizzati għandhom ikunu stabbiliti mill-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 98/34/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337)] abbażi ta' talbiet (minn hawn 'il quddiem "mandati") maħruġa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva wara konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini imsemmi fl-Artikolu 64 ta' dan ir-Regolament (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat Permanenti dwar il-Bini").

[…]

3. L-istandards armonizzati għandhom jipprovdu l-metodi u l-kriterji għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tagħhom.

Meta jkun previst fil-mandat rilevanti, l-istandard armonizzat għandu jirreferi għal użu intiż tal-prodotti li ser ikopri.

L-istandards armonizzati għandhom, fejn adatt u mingħajr ma jipperikolaw il-preċiżjoni, l-affidabbiltà jew l-istabbiltà tar-riżultati, jipprevedu metodi inqas oneruži mill-ittestjar għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tagħhom.

[…]

5. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-konformità tal-istandards armonizzati stabbiliti mill-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni bil-mandat rilevanti.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* l-lista ta' referenzi ta' standards armonizzati li huma f'konformità mal-mandati rilevanti.

Għal kull standard armonizzat fil-lista għandu jiġi indikat dan li ġej:

a) ir-referenzi għal speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati li m'għadhomx japplikaw, skont il-każ;

b) id-data tal-bidu tal-perijodu ta' koeżistenza;

c) id-data tat-tmiem tal-perijodu ta' koeżistenza.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika kwalunkwe aġġornament ta' dik il-lista.

Mid-data tal-bidu tal-perijodu ta' koeżistenza għandu jkun possibbli li jintuża standard armonizzat biex issir dikjarazzjoni ta' prestazzjoni għal prodott għall-bini kopert minnu. Korpi nazzjonali għall-istandardizzazzjoni għandhom l-obbligu li jittrasponu standards armonizzati f'konformità mad-Direttiva 98/34/KE.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 36 sa 38, mid-data tat-tmiem tal-perijodu ta' koeżistenza, l-istandard armonizzat għandu jkun l-uniku mezz użat fit-tfassil ta' dikjarazzjoni ta' prestazzjoni tal-prodott għall-bini kopert minnu.

Fl-aħħar tal-perijodu ta' koeżistenza, l-istandards nazzjonali konfliġġenti għandhom jiġu rtirati u l-Istati Membri għandhom itemmu l-validità ta' kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali konfliġġenti."

9 L-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 305/2011, intitolat "Oġġezzjoni formali kontra standards armonizzati", jipprevedi:

"1. Meta Stat Membru jew il-Kummissjoni jqisu li l-istandard armonizzat ma jissodisfax bis-sħiħ ir-rekwiżiti stabbiliti fil-mandat rilevanti, l-Istat Membru kkonċernat jew il-Kummissjoni, wara li jkunu kkonsultaw lill-Kumitat Permanenti dwar il-Bini, għandhom iressqu l-kwistjoni quddiem il-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE, filwaqt li jagħtu l-argumenti tagħhom. Dak il-Kumitat għandu, wara li jkun ikkonsulta l-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni jagħti l-opinjoni tiegħu mingħajr dewmien.

2. Fid-dawl tal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li tippubblika, li ma tippubblikax, li tippubblika b'xi restrizzjoni, li żżomm, li żżomm b'xi restrizzjoni jew li tirtira r-referenzi għall-istandard armonizzat ikkonċernat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-korp Ewropew għall-istandardizzazzjoni kkonċernat bid-deċiżjoni tagħha u, jekk ikun meħtieġ, titlob ir-reviżjoni tal-istandards armonizzati kkonċernati."

10 L-Artikolu 19 ta' dan ir-regolament, bit-titolu "Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni", jistabbilixxi b'mod partikolari fil-paragrafu 1 tiegħu:

"B'segwitu għal talba għal Valutazzjoni Teknika Ewropea minn manifattur, id-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni għandu jiġi mfassal u adottat mill-organizzazzjoni tal-[organi ta' evalwazzjoni teknika] għal kwalunkwe prodott għall-bini li mhuwiex kopert jew li mhuwiex kopert bis-sħiħ minn standard armonizzat, li l-prestazzjoni fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tiegħu ma tistax tiġi vvalutata bis-sħiħ skont standard armonizzat eżistenti, minħabba li inter alia:

[…]

(b) tal-inqas għal karatteristika essenzjali waħda ta' dak il-prodott, il-metodu ta' valutazzjoni previst fl-istandard armonizzat mhuwiex adatt; jew

(c) l-istandard armonizzat ma jipprevedi l-ebda metodu ta' valutazzjoni fir-rigward ta' mill-inqas karatteristika essenzjali waħda ta' dak il-prodott."

11 L-Anness I tal-imsemmi regolament jispeċifika r-"REKWIŻITI BAŻIĊI FIR-RIGWARD TAX-XOGĦLIJIET TA' BINI". Il-punt 3 ta' dan l-anness, intitolat "Iġjene, saħħa u l-ambjent", jipprovdi:

"Ix-xogħlijiet ta' bini għandhom ikunu ddisinjati u mibnija b'tali mod li ma jkunux, fiċ-ċiklu ta' ħajja kollu tagħhom, ta' theddida għall-iġjene jew għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, tal-okkupanti jew il-ġirien, u lanqas ma jeżerċitaw impatt għoli żżejjed, tul iċ-ċiklu ta' ħajja kollu tagħhom, fuq il-kwalità tal-ambjent jew fuq il-klima matul il-bini tagħhom, l-użu u t-twaqqigħ tagħhom, b'mod partikolari bħala riżultat ta' wieħed mill-każijiet li ġejjin:

[…]

b) l-emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi, komposti organiċi volatili (VOC), gassijiet serra jew partiċelli perikolużi fl-arja ta' ġewwa jew ta' barra;

[…]".

12 Id-Direttiva 98/34 ġiet issostitwita bir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2012, L 316, p. 12).

13 Il-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34 ġie ssostitwit b'dak previst fl-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1025/2012, fil-verżjoni inizjali tiegħu.

Il-fatti li wasslu għall-kawżi

Il-Kawża C-475/19 P

14 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma stabbiliti fil-punti 5 sa 13 tas-sentenza appellata, kif ġej:

> "5 Fit-12 ta' Novembru 1997, il-Kummissjoni Ewropea tat mandat bir-referenza M/119 lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni [(CEN)] għat-tfassil ta' standards armonizzati għall-kisi tal-art. Dawn l-istandards kellhom jinkludu serje ta' karatteristiċi essenzjali, bħar-reazzjoni għan-nar, l-imsiġillanti għall-ilma, ir-reżistenza għal-briks, il-ħruġ ta' asbestos, ta' formaaldehyde, il-kontenut ta' pjakloroflantiku. Il-mandat M/119 inħareġ taħt id-[Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 9, p. 296)] u ġie emendat permezz tal-mandat M/137, tat-25 ta' Lulju 2000, kif ukoll permezz tal-mandat M/119 maga.1, tat-22 ta' Ġunju 2010, sabiex jinkludi l-ħruġ ta' serje ta' sustanzi perikoluż oħra bħat-taħlit organiku volatili (KKV).
>
> 6 Fost dawn l-istandards, l-istandard armonizzat EN 14342:2013 "Pavimentar tal-injam: Karatteristiċi, evalwazzjoni ta' konformità u mmarkar" kien fih metodi u kriterji ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni li jikkonċernaw sensiela ta' karatteristiċi essenzjali. Fir-rigward tar-rilaxx ta' sustanzi perikoluż oħra bħall-COV, il-klawżola 4.4 tal-istandard armonizzat EN 14342:2013 kienet tipprovdi kif ġej:
>
> "Ir-regolamenti nazzjonali dwar is-sustanzi perikoluż jistgħu jeħtieġu verifika u dikjarazzjoni tar-rilaxx ta' sustanzi oħra perikoluż, u xi kultant tal-kontenut tagħhom, minbarra dawk ittrattati fl-artikoli l-oħra, meta l-prodotti għall-bini kkonċernati minn dan l-istandard jitqiegħdu f'dawn is-swieq.
>
> Fin-nuqqas ta' metodoloġija ta' ttestjar Ewropew armonizzati, għandu jiġi vverifikat u ddikjarat ir-rilaxx/il-kontenut billi jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli fuq il-post tal-użu […]"
>
> 7 L-istandard armonizzat EN 14904:2006 "Superfiċji għal spazji għall-isport — Superfiċji fuq ġewwa li jintużaw għal aktar minn sports wieħed: Speċifikazzjoni" kien ukoll relatat ma' sensiela ta' karatteristiċi essenzjali bħalma huma t-tkesħa, is-sostenibbiltà, ir-reazzjoni għan-nar, il-ħruġ ta' formaaldehyde, il-kontenut ta' pentaklorofénol. Fir-rigward tas-sustanzi perikoluż l-oħra, in-nota 1 tal-Anness ZA.1 tal-imsemmi standard armonizzat kienet tipprovdi:
>
> "Minbarra l-oġġetti speċifiċi possibbli relatati mas-sustanzi perikoluż elenkati f'dan l-istandard, jistgħu jeżistu rekwiżiti oħra applikabbli għall-prodotti li jinsabu f'dan l-istandard. Sabiex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Ewropea dwar il-prodotti għall-bini, dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu osservati wkoll fejn u meta japplikaw."

8 Fil-21 ta' Awwissu 2015, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja qajmet, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 305/2011, oġġezzjonijiet formali quddiem il-Kummissjoni kontra l-istandards armonizzati EN 14342:2013 u EN 14904:2006.

9 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja sostniet li ż-żewġ regoli kkontestati ma kinux jissodisfaw kompletament il-mandat mogħti mill-Kummissjoni u li l-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti għall-bini ma kinux ġew stabbiliti skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 305/2011. Hija indikat li dawn iż-żewġ standards kienu jiksru l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 305/2011 kif ukoll il-mandat M/119, peress li ma kinux jinkludu proċeduri ta' evalwazzjoni armonizzati dwar ir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi oħra bħalma huma l-KOV.

10 Sussegwentement, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja talbet li, fl-aspettattiva tal-metodi ta' verifika armonizzati fuq ir-rilaxx ta' sustanzi oħra perikolużi u fuq l-emissjonijiet jew il-kontenut tal-imsemmija sustanzi, ir-referenzi ta' standards jiġu rtirati mill-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew, sussidjarjament, li jiġu ppubblikati b'riżerva, b'tali mod li l-klawżoli kontenzjużi tal-istandards kontenzjużi dwar ir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi oħra jitqiesu li ma humiex armonizzati u li l-Istati Membri jiġu awtorizzati jadottaw dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-metodi ta' verifiki sabiex ir-rekwiżiti bażiċi tas-saħħa applikabbli għal xogħlijiet ta' bini jiġu osservati.

11 Fil-25 ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni adottat [l-ewwel deċiżjonijiet ikkontestati].

12 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2017/133 jipprovdi:

> "Ir-referenza tal-istandard armonizzat EN 14342:2013 "Pavimentar tal-injam: Karatteristiċi, evalwazzjoni ta' konformità u mmarkar" għandha tinżamm b'restrizzjoni.
>
> Il-Kummissjoni għandha żżid ir-restrizzjoni li ġejja fil-lista ta' referenzi tal-istandards armonizzati ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*: 'Il-Klawsola 4.4 tal-istandard EN 14342:2013 hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tar-referenza ppubblikata'".

13 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2017/145 jipprovdi:

> "Ir-referenza tal-istandard armonizzat EN 14904:2006 "Superfiċji għal spazji għall-isport — Superfiċji fuq ġewwa li jintużaw għal aktar minn sports wieħed: Speċifikazzjoni" għandha tinżamm b'restrizzjoni.
>
> Il-Kummissjoni għandha żżid ir-restrizzjoni li ġejja fil-lista ta' referenzi tal-istandards armonizzati ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*: 'In-Nota 1 tal-Anness ZA.1 tal-istandard EN 14904:2006 hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tar-referenza ppubblikata'".

15 Fl-10 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni ta' "implementazzjoni", li rriproduċiet il-lista tal-istandards armonizzati kollha fil-qasam tar-Regolament Nru 305/2011. Fir-rigward taż-żewġ standards EN 14342:2013 u EN 14904:2006, din il-komunikazzjoni kienet tesponi, essenzjalment, ir-restrizzjonijiet diġà stabbiliti fl-ewwel deċiżjonijiet ikkontestati.

16 Fil-11 ta' Awwissu 2017, fil-15 ta' Diċembru 2017 u fid-9 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni ppubblikat it-tliet komunikazzjonijiet l-oħra inkwistjoni.

Il-Kawża C-688/19 P

17 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma stabbiliti fil-punti 1 sa 12 tas-sentenza appellata, kif ġej:

"1 Fis-26 ta' Frar 1999, il-Kummissjoni Ewropea tat mandat lill-Kumitat Ewropew ta' Standardizzazzjoni (CEN) bir-referenza M/131 għall-elaborazzjoni ta' standards armonizzati għal pajpijiet, għat-tankijiet u għat-tagħmir ta' tubi u pajpijiet li ma jagħmlux kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Dawn l-istandards kellhom jinkludu serje ta' karatteristiċi essenzjali, bħar-reżistenza mekkanika u l-istabbiltà, ir-reżistenza għat-tgħarbil, il-kapaċità ta' tagħbija u s-siġillanti.

2 Fl-2004, is-CEN adotta l-istandard armonizzat EN 12285-2:2005 dwar tankijiet tal-azzar. Fir-rigward tal-karatteristika ta' prestazzjoni "reżistenza mekkanika u stabbiltà" imsemmija fil-mandat M/131, din hija ttrattata fit-tabelli tat-Taqsima ZA., li jipprevedu li l-prodotti għandhom josservaw, għall-ħxuna tal-ħitan, ir-rekwiżiti tal-klawżola 4.3.6.1 u tat-tabella 3 tal-istandard armonizzat. Din il-klawżola u din it-tabella jindikaw il-ħxuna minima ta' ġnub li għandhom jiġu osservati mit-tankijiet inkwistjoni.

3 Fl-2005 u fl-2010, is-CEN adotta l-istandard armonizzat EN 13341:2005 + A1:2011 dwar tankijiet statiċi f'termoplastiku. Dan l-istandard kien jinkludi metodi u kriterji ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni għal serje ta' karatteristiċi essenzjali. Fir-rigward tal-karatteristika ta' prestazzjoni "reżistenza mekkanika u stabbiltà" imsemmija fil-mandat M/131, din hija ttrattata fit-tabelli tat-Taqsima ZA.1 tal-Anness ZA, li jipprevedu li l-prodotti għandhom josservaw ir-rekwiżiti tat-tabelli 4 sa 6 tal-istandard armonizzat li jikkonċerna l-ħxuna tal-ħitan. Dawn it-tabelli 4 sa 6 jindikaw il-ħxuna minima ta' ġnub li għandhom jiġu osservati mit-tankijiet inkwistjoni.

4 L-istandards armonizzati ma fihomx rekwiżiti jew metodi ta' evalwazzjoni partikolari fil-każ fejn dawn it-tankijiet jintużaw f'żoni skiżmiċi jew inondabbli. Bl-istess mod, huma ma fihomx rekwiżiti dwar ankraġġ fl-art tat-tankijiet intiżi għall-bini.

5 L-istess japplika fir-rigward tal-karatteristiċi ta' prestazzjoni "reżistenza għall-ħabtiet" u "kapaċità ta' tagħbija" li għalihom l-imsemmija standards armonizzati ma jinkludu ebda metodu jew kriterju ta' evalwazzjoni tal-imsemmija prestazzjonijiet.

6 Fil-21 ta' Awwissu 2015, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament [Nru 305/2011], ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja qajmet oġġezzjonijiet formali quddiem il-Kummissjoni kontra l-istandards armonizzati EN 13341:2005 + A1:2011 u EN 12285-2:2005.

7 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja qieset li ż-żewġ regoli kkontestati ma kinux jissodisfaw kompletament il-mandat M/131 mogħti mill-Kummissjoni u li l-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti għall-bini ma kinux ġew stabbiliti skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 305/2011. Hija indikat li dawn iż-żewġ regoli kienu jiksru l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 305/2011 kif ukoll il-mandat M/131 peress li dawn ma kinux jinkludu metodi ta' determinazzjoni tal-prestazzjonijiet f'dak li jirrigwarda r-reżistenza mekkanika u l-istabbiltà, ir-reżistenza għat-tneħħija u l-kapaċità ta' ħatt u, b'mod partikolari, fil-każ ta' użu tal-imsemmija prodotti f'żoni suxxettibbli għat-terremoti jew għall-għargħar.

8 Sussegwentement, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja talbet, fir-rigward tal-istandards armonizzati EN 13341:2005 + A1:2011 u EN 12285-2:2005, li, fl-istennija tal-metodi ta' verifika armonizzati fuq ir-reżistenza mekkanika u l-istabbiltà, ir-reżistenza għat-tkessiħ u l-kapaċità portanti fil-każ ta' użu f'żoni skistiċi jew mhux ondabbli, ir-riferimenti għall-istandards jiġu ppubblikati b'restrizzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew, sussidjarjament, li dawn jiġu rtirati mill-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għal tankijiet termoplastiċi statiċi u tankijiet tal-azzar maħdumin fil-ħanut tax-xogħol.

9 Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini stabbilit fl-Artikolu 64 tar-Regolament Nru 305/2011, il-Kummissjoni ressqet quddiem il-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 22 tar-Regolament [Nru 1025/2012] Dan il-kumitat tal-aħħar ta opinjoni dwar l-oġġezzjonijiet formali.

10 Fis-6 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat [it-tieni deċiżjonijiet kontenzjużi].

11 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2017/1995 jipprovdi:

"Ir-referenza tal-istandard armonizzat EN 13341:2005 + A1:2011 "Tankijiet statiċi termoplastiċi għall-ħażna 'l fuq mill-art ta' żjut tat-tisħin domestiċi pitrolju u fjuwils tad-diżil — Tankijiet b'polimerizzazzjoni anjonika tal-polietelin ipplażmat bl-infiħ, polietelin ipplażmat b'rotazzjoni u poliamid 6: Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar" għandha tinżamm f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*."

12 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2017/1996 jipprovdi:

"Ir-referenza tal-istandard armonizzat EN 12285-2:2005 "Tankijiet ta' l-azzar maħdumin fil-ħanut tax-xogħol — Parti 2: Tankijiet orizzontali ċilindriċi bi pjanċa waħda jew bi tnejn għall-ħażna 'il [fuq] mill-art ta' likwidi li jieħdu n-nar jew li ma jaqbdux li jniġġsu l-ilma" għandha tinżamm f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*"".

Ir-rikorsi quddiem il-qorti tal-ewwel istanza u s-sentenzi appellati

Il-Kawża T-229/17

18 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' April 2017, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ppreżentat rikors għall-annullament, minn naħa, tal-ewwel deċiżjonijiet ikkontestati u, min-naħa l-oħra, tal-komunikazzjoni ta' "implementazzjoni".

19 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-4 ta' Awwissu 2017, ir-Repubblika Federali tal-Finlandja talbet sabiex titħalla tintervjeni insostenn tat-talbiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Settembru 2017, il-President tal-Ewwel Awla tal-Qorti Ġenerali laqa' dan l-intervent.

20 Skont l-Artikolu 86(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ppreżentat tliet noti ta' adattament fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-9 ta' Ottubru 2017, fit-2 ta' Marzu 2018, u fl-20 ta' Mejju 2018, li jitolbu l-annullament tat-tliet komunikazzjonijiet l-oħra kkontestati.

21 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja qajmet tliet motivi bbażati, essenzjalment, l-ewwel wieħed, fuq il-ksur tal-formalitajiet sostanzjali li jirriżultaw mill-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 305/2011, it-tieni wieħed, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u, it-tielet wieħed, fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet sostantivi tal-imsemmi regolament.

22 Permezz tal-ewwel sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors bħala parzjalment inammissibbli, fir-rigward tal-komunikazzjoni ta' "implementazzjoni" u tat-tliet komunikazzjonijiet kontenzjużi l-oħra, u parzjalment infondat, f'dak li jirrigwarda l-ewwel deċiżjonijiet ikkontestati.

Il-Kawża T-53/18

23 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-31 ta' Jannar 2018, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ppreżentat rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

24 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja invokat żewġ motivi, ibbażati, essenzjalment, l-ewwel wieħed, fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u, it-tieni wieħed, fuq ksur tad-dispożizzjonijiet sostantivi tar-Regolament Nru 305/2011.

25 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

26 Permezz tal-appell tagħha fil-Kawża C-475/19 P, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tannulla t-tliet deċiżjonijiet ikkontestati;

– tannulla l-komunikazzjoni ta' "implementazzjoni" kif ukoll it-tliet komunikazzjonijiet kontenzjużi l-oħra;

– sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali f'dak li jikkonċerna t-talbiet għall-annullament tal-ewwel deċiżjonijiet ikkontestati, tal-komunikazzjoni ta' "implementazzjoni" u tat-tliet komunikazzjonijiet kontenzjużi l-oħra;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

27 Ir-Repubblika tal-Finlandja titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' t-talbiet tal-appell ippreżentat mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fil-Kawża C-475/19 P.

28 Permezz tal-appell tagħha fil-Kawża C-688/19 P, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tannulla t-tliet deċiżjonijiet ikkontestati;

– sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali għal dak li jikkonċerna t-talbiet għall-annullament tat-tieni deċiżjonijiet ikkontestati;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

29 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appelli fl-intier tagħhom; u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

30 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Ewwel Awla tal-15 ta' Settembru 2020, il-Kawżi C-475/19 P u C-688/19 P ġew magħqudin għall-finijiet tas-sentenza.

Fuq l-appelli

Fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà

L-argumenti tal-partijiet

31 Il-Kummissjoni teċċepixxi l-inammissibbiltà tal-appelli fis-sens li dawn jillimitaw ruħhom li jirrepetu l-argumenti mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali u jonqsu milli jidentifikaw il-punti kkritikati tas-sentenzi appellati.

32 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja titlob iċ-ċaħda ta' din it-talba.

Evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

33 Mill-Artikolu 168(1)(d) u mill-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li appell għandu jkun jista' jidentifika bi preċiżjoni l-punti kkritikati tal-motivi fis-sentenza li l-annullament tagħha hija mitluba u jindika b'mod preċiż l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba, taħt piena tal-inammissibbiltà tal-appell jew tal-aggravju kkonċernat. Għaldaqstant, appell li sempliċement jirrepeti jew jirriproduċi kelma b'kelma l-motivi u l-argumenti li jkunu diġà tressqu quddiem il-Qorti Ġenerali, inklużi dawk li kienu bbażati fuq fatti espressament miċħuda minn dik il-qorti, ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' motivazzjoni li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet. Madankollu, il-punti ta' liġi eżaminati fl-ewwel istanza jistgħu jiġu diskussi mill-ġdid matul l-appell, meta appellant jikkontesta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali (digriet tal-5 ta' Settembru 2019, Iceland Foods vs EUIPO, C-162/19 P, mhux ippubblikat, EU:C:2019:686, punt 5 (teħid ta' pożizzjoni tal-Avukat Ġenerali, punt 6 u l-ġurisprudenza ċċitata)).

34 F'dan il-każ, l-appell, meqjus fl-intier tiegħu, jidentifika bi preċiżjoni suffiċjenti l-punti kritiċi tas-sentenzi appellata kif ukoll l-aggravji li abbażi tagħhom dawn tal-aħħar huma, skont l-appellanti, ivvizzjati bi żbalji ta' liġi, u ma huwiex sempliċement repetizzjoni jew riproduzzjoni tal-argumenti ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali, kif issuġġeriet il-Kummissjoni, fatt li konsegwentement jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq l-istħarriġ tal-legalità tagħha.

35 Peress li r-rikorrenti ssodisfat ir-rekwiżiti ta' motivazzjoni mfakkar fil-punt 33 ta' din is-sentenza, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni għandha tiġi miċħuda.

Fuq il-mertu

36 Insostenn tal-appell tagħha fil-Kawża C-475/19 P, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqajjem tliet aggravji. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, sa fejn, essenzjalment, fl-ewwel sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li l-komunikazzjoni ta' "implementazzjoni" u t-tliet komunikazzjonijiet kontenzjużi l-oħra jipproduċu effetti legali distinti minn dawk prodotti mill-ewwel deċiżjonijiet ikkontestati. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, hija ssostni li din is-sentenza tikser l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 305/2011, moqri flimkien mal-Artikolu 17(5) ta' dan ir-regolament, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet mhux biss jawtorizzaw iżda wkoll jobbligaw lill-Kummissjoni tieħu waħda mill-miżuri proposti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 18(2) tal-imsemmi regolament, moqri flimkien mal-Artikolu 3(1) u (2), u l-Artikolu 17(3) tal-istess regolament, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jobbligaw lill-Kummissjoni teżamina jekk l-istandards imsemmija fl-ewwel deċiżjonijiet ikkontestati jikkompromettux l-osservanza tar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' bini.

37 Ir-Repubblika tal-Finlandja intervjeniet insostenn tat-tieni u tat-tielet aggravju fil-Kawża C-475/19 P.

38 Fil-Kawża C-688/19 P, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqajjem żewġ aggravji insostenn tal-appell tagħha. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 305/2011, moqri flimkien mal-Artikolu 17(5) ta' dan ir-regolament, sa fejn il-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li dawn id-dispożizzjonijiet mhux biss kienu jawtorizzaw iżda wkoll jobbligaw lill-Kummissjoni tadotta waħda mill-miżuri ssuġġeriti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, hija ssostni li t-tieni sentenza appellata tikser l-Artikolu 18(2) tal-imsemmi regolament, moqri flimkien mal-Artikolu 3(1) u (2), kif ukoll mal-Artikolu 17(3) ta' dan l-istess regolament, sa fejn il-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li dawn id-dispożizzjonijiet kienu jobbligaw lill-Kummissjoni tivverifika jekk ir-regoli previsti mit-tieni deċiżjonijiet ikkontestati jikkompromettux l-osservanza tar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' bini.

Fuq l-ewwel aggravju fil-Kawża C-475/19 P ibbażat fuq l-allegata ġuridiċità tal-komunikazzjonijiet kontenzjużi

– *L-argumenti tal-partijiet*

39 L-ewwel aggravju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja huwa kompost minn żewġ partijiet.

40 Fl-ewwel parti, l-appellanti ssostni li, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, il-komunikazzjoni ta' "implimentazzjoni" u t-tliet komunikazzjonijiet l-oħra inkwistjoni jipproduċu effetti legali vinkolanti. Fil-fatt, skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament Nru 305/2011, il-pubblikazzjoni tal-lista ta' referenzi tal-istandards armonizzati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mill-Kummissjoni kellha l-effett li tippermetti l-użu ta' standard armonizzat mid-data tal-bidu tal-perijodu ta' koeżistenza u li tirrendi dan l-użu obbligatorju sa mid-data tat-tmiem tal-perijodu ta' koeżistenza, sabiex tiġi stabbilita dikjarazzjoni ta' prestazzjonijiet għal prodott għall-bini kopert minnu. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet li dawn il-komunikazzjonijiet ma kellhomx effetti legali ġodda meta mqabbla ma' dawk tal-ewwel deċiżjonijiet ikkontestati.

41 Fit-tieni parti, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kkonkludiet li hija kellha tistabbilixxi li l-imsemmija komunikazzjonijiet kienu affettwaw l-interessi tagħha jew bidlu b'mod sinjifikattiv is-sitwazzjoni legali tagħha, filwaqt li Stat Membru ma għandux għalfejn juri li l-att jipproduċi effetti legali li jikkonċernawh personalment jew li jaffettwaw l-interessi tiegħu.

42 Il-Kummissjoni titlob li dan aggravju jiġi miċħud, ikkunsidrat fiż-żewġ partijiet tiegħu.

– *L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

43 Fir-rigward tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta essenzjalment mill-punti 42, 43 u 64 tal-ewwel sentenza appellata, l-ewwel deċiżjonijiet kontenzjużi pproduċew effetti legali fir-rigward tal-appellanti, kemm sa fejn it-talba prinċipali tagħha ġiet miċħuda, kif ukoll sa fejn it-talba sussidjarja tagħha ġiet parzjalment milqugħa. Hija l-aċċettazzjoni parzjali ta' din it-talba li wasslet lill-Kummissjoni sabiex tadotta, għall-finijiet ta' implimentazzjoni, l-erba' komunikazzjonijiet inkwistjoni.

44 Konsegwentement, u kif iddeċidiet ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punt 49 tal-ewwel sentenza appellata, il-komunikazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 305/2011, meta dawn jikkonċernaw biss aġġornament tal-lista tar-referenzi kollha tal-istandards armonizzati, wara l-aċċettazzjoni parzjali ta' riżerva fformulata minn Stat Membru abbażi tal-Artikolu 18(1) ta' dan ir-regolament, fir-realtà jillimitaw ruħhom, fir-rigward tal-istandards

armonizzati inkwistjoni, li jirreferu għalihom, mingħajr ma jipproduċu effetti oħra legali għajr dawk diġà prodotti lejn dak l-Istat Membru mid-deċiżjonijiet adottati minn dik l-istituzzjoni abbażi tal-Artikolu 18(2) tal-imsemmi regolament.

45 Sa fejn, kif jirriżulta mill-punti 43 sa 45 tal-ewwel sentenza appellata, mill-għan, mill-kontenut u mill-kuntest tal-komunikazzjoni ta' "implimentazzjoni" u minn tliet komunikazzjonijiet oħra kontenzjużi u, għaldaqstant, minn analiżi ddettaljata tagħhom, jirriżulta li huma kienu intiżi, essenzjalment, sabiex jerġgħu jibdew ir-restrizzjonijiet diġà stabbiliti fl-ewwel deċiżjonijiet kontenzjużi, il-Qorti Ġenerali kellha raġun tikkunsidra li l-imsemmija komunikazzjonijiet ma setgħux jipproduċu effetti legali awtonomi.

46 Minn dan isegwi li din l-ewwel parti għandha tiġi miċħuda.

47 Fir-rigward tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, din tista' biss tiġi miċħuda bħala ineffettiva, peress li din tista' tirnexxi biss jekk jiġi konkluż li l-komunikazzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 305/2011 jipproduċu effetti legali awtonomi.

48 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jeħtieġ li jiġi miċħud l-ewwel aggravju fil-Kawża C-475/19 P.

Fuq it-tieni u t-tielet aggravju fil-Kawża C-475/19 P u l-ewwel u t-tieni aggravju fil-Kawża C-688/19 P, dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 305/2011

– L-argumenti tal-partijiet

49 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni, essenzjalment, fit-tieni aggravju fil-Kawża C-475/19 P u fl-ewwel aggravju fil-Kawża C-688/19 P, li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 305/2011. Għandu jiġi rrilevat li, fir-rigward tat-tieni aggravju fil-Kawża C-475/19 P u tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-688/19 P, dawn, li kull wieħed minnhom jinkludi tliet partijiet, huma fformulati b'mod komparabbli.

50 Fl-ewwel u fit-tieni partijiet, l-appellanti tfakkar li l-Kummissjoni għandha d-dritt tifformula riżerva fir-rigward ta' standard armonizzat partikolari, kif barra minn hekk l-appellanti ssuġġeritilha li tagħmel f'dan il-każ. Għalhekk, il-Kummissjoni mhux biss għandha l-possibbiltà, iżda wkoll l-obbligu li tipproduċi biss parzjalment l-effetti legali previsti minn dan ir-regolament, f'dak li jirrigwarda regola li ma tissodisfax kompletament ir-rekwiżiti msemmija fil-mandat korrispondenti, kif jirriżulta b'mod ċar mill-formulazzjoni tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 305/2011.

51 Għalhekk, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(5) ta' dan ir-Regolament jirriżulta li, fil-pubblikazzjoni tal-istandards armonizzati konformi mal-mandati rċevuti, il-Kummissjoni għandha tillimita ruħha li tippubblika r-referenzi tal-istandards li huma kompletament konformi ma' dawn il-mandati.

52 Barra minn hekk, peress li l-proċedura prevista fl-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 305/2011 tikkostitwixxi l-perijodu ta' żmien previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(5) ta' dan ir-regolament, dak li din l-aħħar dispożizzjoni tipprojbixxi ma jistax jiġi awtorizzat mill-Artikolu 18(2) tal-imsemmi regolament.

53 Fit-tielet parti, l-appellanti tikkritika s-"setgħa diskrezzjonali wiesgħa" li tat il-Qorti Ġenerali, fl-ewwel u fit-tieni sentenza appellati, lill-Kummissjoni. Fil-fatt, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 43 tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Ottubru 2016, James Elliott Construction (C-613/14, EU:C:2016:821), għalkemm it-tfassil ta' standard armonizzat huwa fdat lil organu rregolat mid-dritt privat, dan jikkostitwixxi madankollu miżura ta' implimentazzjoni neċessarja u strettament limitata tar-rekwiżiti

essenzjali ddefiniti mid-dritt tal-Unjoni, imwettqa fuq l-inizjattiva kif ukoll taħt id-direzzjoni u taħt il-kontroll tal-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, hija l-Kummissjoni li għandha twettaq il-missjoni tagħha ta' verifika tal-aspetti formali u sostantivi.

54 Fir-rigward tat-tielet aggravju fil-Kawża C-475/19 P u t-tieni aggravju fil-Kawża C-688/19 P, dawn huma fformulati wkoll b'mod komparabbli.

55 Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li, skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 305/2011, moqri flimkien mal-Artikoli 3(2) u (1) u l-Artikolu 17(3) ta' dan ir-regolament, il-Kummissjoni hija obbligata teżamina jekk l-istandards armonizzati jippermettux lill-Istati Membri jiżguraw l-osservanza tar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' bini. Fil-fatt, l-istandards armonizzati għandhom jippermettu li jiġu evalwati l-prestazzjonijiet ta' prodott għall-kostruzzjoni li jikkorrispondi mal-karatteristiċi li huma essenzjali għalih sabiex jissodisfa r-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' bini.

56 Filwaqt li tintervjeni insostenn tat-tieni u t-tielet aggravju fil-Kawża C-475/19 P, ir-Repubblika tal-Finlandja ssostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li l-Kummissjoni hija obbligata, skont ir-Regolament Nru 305/2011, li tivverifika jekk standard armonizzat huwiex adatt sabiex josserva r-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' bini, f'dak li jirrigwarda l-elementi kollha li huma meħtieġa mill-mandat li fuqu huwa bbażat dan l-istandard. B'hekk, jekk standard jirriżulta inkomplet bi kwalunkwe mod, il-Kummissjoni tkun obbligata tirrikonoxxi li, sa fejn l-imsemmi standard ma jkoprix il-kriterji ta' evalwazzjoni tar-rekwiżiti fundamentali previsti mill-mandat, l-Istati Membri jżommu l-possibbiltà li jistabbilixxu rekwiżiti nazzjonali fir-rigward ta' dawn il-karatteristiċi essenzjali.

57 Il-Kummissjoni titlob li t-tieni u t-tielet aggravju fil-Kawża C-475/19 P kif ukoll l-ewwel u t-tieni aggravju fil-Kawża C-688/19 P jiġu miċħuda.

– L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

58 Fl-ewwel lok, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 305/2011 jirriżulta li l-proċedura formali ta' oġġezzjoni tinfetaħ meta Stat Membru jew il-Kummissjoni jqisu li standard armonizzat ma jissodisfax "kompletament" ir-rekwiżiti msemmija fil-mandat korrispondenti, li jkopri kemm l-ipoteżi fejn dan l-istandard ma jkunx komplet fir-rigward ta' dan il-mandat kif ukoll dik li fiha huwa jinjorah fuq ċerti punti.

59 Dejjem skont din l-istess dispożizzjoni, meta ssir oġġezzjoni, hija l-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini u l-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1025/2012, li għandha tevalwa jekk l-istandard jissodisfax, għall-inqas parzjalment, ir-rekwiżiti stabbiliti fil-mandat. Jekk dan ikun il-każ, il-Kummissjoni għalhekk għandha l-obbligu li tiddeċiedi jekk dan l-istandard, jew parti minnu, li jissodisfa r-rekwiżiti għandux jiġi ppubblikat jew miżmum f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, totalment jew parzjalment, jew jekk għandux jiġi rtirat minnu.

60 Min-naħa l-oħra, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 305/2011 ma jipprevedix li din l-istituzzjoni tista' tissuġġetta r-riferiment għal standard armonizzat għal riżervi, bħal dawk mixtieqa mill-appellanti, minbarra pubblikazzjoni jew żamma parzjali.

61 Huwa ċertament minnu li t-terminu "parzjalment", li jidher, b'mod partikolari, fil-verżjonijiet tal-lingwa Franċiża jew Taljana tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 305/2011, jikkorrispondi f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi oħra ta' din id-dispożizzjoni, bħal dawk fil-Ġermaniż, l-Ingliż, l-Ispanjol u l-Pollakk, għall-espressjoni "b'riżervi" jew "b'restrizzjonijiet". Madankollu, il-Kummissjoni, fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament, ma tistax tippermetti lill-Istati Membri, permezz ta' riżerva, li jikkompletaw il-kontenut ta' standard mhux kompletament armonizzat, u fin-nuqqas ta' dan hija tidħol fuq il-kompetenzi rrikonoxxuti kemm mill-Artikolu 17 kif ukoll

mill-Artikolu 18(3) tal-imsemmi regolament lill-organi ta' standardizzazzjoni Ewropej, li huma l-uniċi awtorizzati sabiex jiddeterminaw jew sabiex jirrevedu l-kontenut tal-istandard fir-rigward tal-mandat mogħti.

62 F'dan ir-rigward ukoll, in-nuqqas ta' pubblikazzjoni, il-pubblikazzjoni jew iż-żamma, totali jew parzjali, kif ukoll l-irtirar tar-referenzi għal standard armonizzat totalment jew parzjalment konformi mal-mandat korrispondenti jibqgħu fakultà miftuħa għall-Kummissjoni, skont l-opinjoni tal-kumitat prevista fl-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1025/2012, u mhux obbligu li jaqa' fuq din l-istituzzjoni.

63 F'dan il-każ, minn naħa, fil-punt 94 tal-ewwel sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet li l-argument tal-appellanti li l-Kummissjoni ma evalwatx il-konformità tal-istandards armonizzati inkwistjoni mal-mandat korrispondenti kien nieqes fil-fatt, sa fejn, fil-premessi 9, 11, 14 u 15 tal-ewwel deċiżjonijiet ikkontestati, din l-istituzzjoni kienet ammettiet, fir-rigward tal-klawżoli inkwistjoni, li kien nieqes mill-kriterji u l-metodi armonizzati neċessarji għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni ta' sustanzi perikoluži oħra, b'tali mod li dawn il-klawżoli, li ma jkunux applikabbli, kellhom jiġu espliċitament eskluži mill-ambitu tar-referenzi tal-istandards armonizzati inkwistjoni. B'dan il-mod, fl-ewwel deċiżjonijiet ikkontestati, il-Kummissjoni għamlet użu mill-possibbiltà rrikonoxxuta lilha, li żżomm biss parzjalment ir-referenzi għall-istandards armonizzati.

64 Min-naħa l-oħra, fil-punti 42 u 44 tat-tieni sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ġustament irrilevat li, għalkemm "l-istandards armonizzati inkwistjoni ma jikkorrispondux kompletament għall-mandat korrispondenti u [jekk] il-karatteristiċi ta' prestazzjoni bħar-reżistenza għat-tneħħija, il-kapaċità portanti u d-dsiġillanti ma humiex inklużi fil-metodi u fil-kriterji ta' evalwazzjoni tal-prestazzjonijiet tal-istandards armonizzati inkwistjoni", dan il-fatt ma setax ikollu l-effett "li jannulla [it-tieni] deċiżjonijiet [ikkontestati] billi, fl-imsemmi mandat, ma hemm l-ebda indikazzjoni relatata mal-istabbiliment ta' kriterji ta' prestazzjoni li jikkonċernaw l-installazzjoni jew l-użu ta' tankijiet f'żoni sismiċi jew suġġetti għall-għargħar".

65 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-premessi 1 u 2 tar-Regolament Nru 305/2011, għalkemm ir-regoli tal-Istati Membri jeżiġu li x-"xogħlijiet ta' bini" jkunu ddisinjati u mwettqa b'mod li ma jikkompromettux is-sigurtà tal-persuni, tal-annimali domestiċi u tal-proprjetà, u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, dawn ir-regoli jeżerċitaw influwenza diretta fuq ir-rekwiżiti applikabbli għall-"prodotti għall-bini" li, min-naħa tagħhom, u minħabba d-disparità tagħhom, jostakolaw il-kummerċ tagħhom ġewwa l-Unjoni.

66 Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tagħhom, ir-Regolament Nru 305/2011 għandu bħala għan, kif jipprovdi l-Artikolu 1 tiegħu, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għat-tqegħid fis-suq jew għat-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq tal-"prodotti għall-bini", billi jistabbilixxi regoli armonizzati kemm dwar kif jiġu espressi l-prestazzjonijiet ta' dawn il-prodotti, li jikkorrispondu għall-karatteristiċi essenzjali tagħhom, kif ukoll dwar l-użu tal-marka CE li għandha titwaħħal fuq l-imsemmija prodotti.

67 Skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 305/2011, l-Istati Membri għandhom jastjenu milli jipprojbixxu jew jostakolaw, fit-territorju tagħhom jew taħt ir-responsabbiltà tagħhom, it-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq jew l-użu ta' "prodotti għall-bini" li għandhom il-marka CE "meta l-prestazzjonijiet iddikjarati jkunu jikkorrispondu għar-rekwiżiti għal tali użu f'dak l-Istat Membru."

68 F'dan il-kuntest, il-possibbiltà għall-Istati Membri li jadottaw dispożizzjonijiet nazzjonali sabiex jirregolaw il-metodi ta' evalwazzjoni tagħhom tal-"prodotti għall-bini" fir-rigward tal-aspetti mhux koperti minn standard armonizzat tista' tillimita, bi ksur tal-għan tar-Regolament Nru 305/2011, il-moviment liberu tal-prodotti għall-kostruzzjoni korrispondenti għall-istandard armonizzat, sa fejn il-produtturi ta' "prodotti għall-bini" jirriskjaw li jaffaċċjaw proċeduri u kriterji nazzjonali diverġenti sal-punt li l-aċċess effettiv tal-prodotti tagħhom għas-suq jista' jiġi mxekkel. Fil-każ fejn "prodott għall-bini" ma huwiex kopert jew ma huwiex totalment kopert minn standard armonizzat, b'tali mod li

l-prestazzjoni li tikkorrispondi għall-karatteristiċi essenzjali tiegħu ma tistax tiġi evalwata b'mod sħiħ skont l-istandard armonizzat eżistenti, huwa l-manifattur, jekk ikun il-każ, li għandu jagħmel talba għal evalwazzjoni teknika Ewropea, skont l-Artikolu 19 tal-imsemmi regolament.

69 Madankollu, kif tfakkar il-premessa 3 tiegħu, ir-Regolament Nru 305/2011 ma għandux jippreġudika d-dritt tal-Istati Membri li jippreskrivu r-rekwiżiti li huma jqisu neċessarji sabiex jiggarantixxu l-protezzjoni tas-saħħa, tal-ambjent u tal-ħaddiema meta jużaw prodotti għall-bini.

70 Minn dan isegwi li Stat Membru jista' jimponi regoli speċifiċi dwar l-installazzjoni u dwar l-użu tal-"prodotti għall-bini", sakemm dawn ir-regoli ma jinkludux rekwiżiti li jmorru kontra l-istandards armonizzati f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-imsemmija prodotti jew l-użu tal-marka CE fuqhom.

71 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 102 tal-ewwel sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma setgħetx tadotta riżerva li tispeċifika li l-Istati Membri kienu awtorizzati jimplimentaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar il-metodi ta' ttestjar u verifiki f'dak li jirrigwarda r-rilaxx ta' sustanzi perikolużi oħra.

72 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet korrettament, fil-punti 51 u 55 tat-tieni sentenza appellata, li l-użu tat-tankijiet f'żoni suxxettibbli għat-terremoti jew għall-għargħar ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istandards armonizzati inkwistjoni, b'tali mod li ma huwiex possibbli li dawn jiġu kkompletati, fil-kuntest tal-proċedura tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 305/2011, b'limitazzjoni fuq dan il-punt.

73 Kif ġie rrilevat fil-punt 70 ta' din is-sentenza, l-Istati Membri jistgħu madankollu jimponu regoli speċifiċi dwar l-installazzjoni u l-użu tal-"prodotti għall-bini", sakemm l-imsemmija regoli ma jinkludux rekwiżiti li jmorru lil hinn mill-istandards armonizzati li jirriżultaw mir-Regolament Nru 305/2011.

74 Fit-tielet lok, għalkemm l-istandards armonizzati huma, skont id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 2(4), tal-Artikolu 3(1) u (2) u tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 305/2011, marbuta mal-karatteristiċi essenzjali tal-"prodotti għall-kostruzzjoni" u mar-rekwiżiti fundamentali applikabbli għax-"xogħlijiet ta' bini", xorta jibqa' l-fatt li dan ir-regolament ma huwiex intiż li jarmonizza r-rekwiżiti applikabbli għal dawn ix-xogħlijiet, iżda biss il-modalitajiet tal-evalwazzjoni u tad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni tal-"prodotti għall-bini". Peress li l-metodi u l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-"prodotti għall-bini" ddefiniti fl-istandards armonizzati għandhom ikunu tali biss li jippermettu li jiġi żgurat li l-prestazzjonijiet tal-imsemmija prodotti josservaw il-karatteristiċi essenzjali li jikkorrispondu għar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' bini, l-għan ta' dawn l-istandards ma huwiex li jiggarantixxi, fihom innifishom, l-osservanza tar-rekwiżiti fundamentali.

75 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, fl-ewwel sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod korrett dawn il-prinċipji meta ddeċidiet, fil-punt 95 ta' dik is-sentenza, li, minn naħa, l-għan tal-istandards armonizzati ma huwiex li tiġi ggarantita l-osservanza tar-rekwiżiti fundamentali applikabbli għax-"xogħlijiet ta' bini", li huma stabbiliti mill-Istati Membri, iżda li, min-naħa l-oħra, fid-dispożizzjonijiet tagħhom dwar il-"prodotti għall-bini" li jiżguraw l-osservanza tar-rekwiżiti fundamentali, huma marbuta, sabiex jiżguraw il-moviment liberu ta' dawn il-prodotti, li jużaw standards armonizzati għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-imsemmija prodotti.

76 Bl-istess mod, fil-punt 96 ta' dik l-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, ġustament, li ma hijiex il-Kummissjoni li għandha tivverifika jekk l-istandards armonizzati inkwistjoni jiggarantixxux l-osservanza tar-rekwiżiti fundamentali applikabbli għax-"xogħlijiet ta' bini" f'dak li jirrigwarda r-rilaxx ta' sustanzi oħra perikolużi, peress li l-istandards armonizzati għandhom l-għan li jippermettu l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-"prodotti għall-bini".

77 Fir-rigward tat-tieni sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punt 49 tagħha, li t-talba għal inklużjoni ta' riżerva fil-kamp ta' applikazzjoni tar-referenzi tal-istandards armonizzati inkwistjoni fi kwalunkwe każ ma setgħetx tirnexxi abbażi tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 305/2011, minħabba l-fatt li "hija [kellha] tendenza li żżid mal-imsemmija standards rekwiżit addizzjonali li jikkonċerna l-installazzjoni jew l-użu tat-tankijiet f'żoni suxxettibbli għat-terremoti jew għall-għargħar", filwaqt li tali possibbiltà ta' żieda ma hijiex prevista mill-imsemmija dispożizzjoni.

78 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ġustament stħarrġet il-konformità tal-istandards inkwistjoni mal-mandati korrispondenti u esponiet ir-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni ma kellhiex l-obbligu li tivverifika l-osservanza tar-rekwiżiti fundamentali.

79 Fir-raba' u l-aħħar lok, għandu jiġi kkonstatat li, fil-punt 105 tal-ewwel sentenza appellata kif ukoll fil-punt 58 tat-tieni sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement enfasizzat li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

80 Minn dan isegwi li t-tieni u t-tielet aggravju fil-Kawża C-475/19 P kif ukoll l-ewwel u t-tieni aggravju fil-Kawża C-688/19 P għandhom jiġu miċħuda.

81 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

82 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ma jkunx fondat jew meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża b'mod definittiv hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) tal-imsemmija regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) ta' dawn l-istess regoli, il-parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

83 F'dan il-każ, peress li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tilfet u l-Kummissjoni talbet li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż tal-Kummissjoni relatati ma' dawn l-appelli u mal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

84 Konformement mal-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) ta' dawn l-istess regoli, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li jintervjenu fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

85 Ir-Repubblika tal-Finlandja li intervjeniet fil-kuntest tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u li pparteċipat fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, għandha għalhekk tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea f'dawn l-appelli u fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3) Ir-Repubblika tal-Finlandja għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Firem